# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016**

**Numru 1**

**Rikors kostituzzjonali numru 7/2014 LSO**

**Aaron Cassar**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Pulizija; Direttur Ġenerali (Qrati); Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali; Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta ma tħalliex jieħu l-parir ta' avukat qabel ma jew waqt li tteħditlu stqarrija.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur flimkien ma' ieħor kien mixli b'reat kriminali u, wara verdett ta' ħtija minn ġûri, ġie kundannat b'sentenza tas-16 ta' Mejju 2012 għall-piena ta' tmien snin priġunerija u multa ta' elfejn euro (€2,000). L-attur appella minn din is-sentenza iżda, sakemm infetħet il-kawża tallum, l-appell kien għadu ma nqatax[1].

3. Matul il-ġûri u meta sar l-appell l-attur kellu avukat tal-għajnuna legali. L-attur iżda igħid illi l-għajnuna legali ma hijiex biżżejjed biex tingħatalu difiża xierqa b'ħarsien sħiħ tal-jedd għal smigħ xieraq. Igħid ukoll illi, waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija meta tteħditlu stqarrija, hu ġie mċaħħad mid-dritt li jkollu parir ta' avukat u milli jkollu aċċess għall-*file* tal-pulizija. Billi deherlu li dan kollu kien bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-attur fetaħ din il-kawża kostituzzjonali u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-art 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-art 39(6)(*ċ*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara illi minħabba n-nuqqas t'assistenza legali fl-stadju t'investigazzjoni ġew leżi d-drittijiet fundamentali għal smigħ xieraq *ai termini* tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> »3. takkorda rimedji effettivi fiċ-ċirkostanzi. «

4. L-ewwel qorti, wara li ħelset lill-konvenuti l-oħra ħlief l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mill-ħarsien tal-ġudizzju, iddeċidiet hekk:

> »1. tiċħad l-ewwel talba in kwantu li ma ssibx li kien hemm il-leżjoni lamentata minħabba xi nuqqas fid-difiża legali permezz tal-Avukat tal-Għajnuna Legali;
>
> »2. tilqa' t-tieni talba fis-sens li ssib li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif sanċiti bl-artikolu 6(3) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba restrizzjoni sistemika tad-dritt

[1] L-appell ġie miċħud b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Diċembru 2015.

tiegħu għall-assistenza ta' avukat fl-istadju investigattiv u tiċħad it-talba rimanenti;

»3. tilqa' t-tielet talba iżda limitatament billi tqis li d-dikjarazzjoni ta' leżjoni huwa rimedju ġust u effettiv in kwantu ma jirriżultax li l-akkużat sofra xi preġudizzju sostantativ waqt il-proċess penali.

»L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.«

5. Safejn huma relevanti għal dan l-appell, li jolqot biss is-sejbien ta' ksur minħabba n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ir-rikorrent jilmenta li ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat kif ukoll li ma kellux aċċess għall-*file* tal-pulizija li jikkonċerna l-każ tiegħu bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»… … …

»Illi fil-każ in eżami r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat matul l-investigazzjoni tal-pulizija u fl-eventwali interrogazzjoni u redazzjoni tal-istqarrija tiegħu. Fl-istqarrija hu wieġeb biss fis-sens li ma tax tweġiba u għalhekk ma irrilaxxja l-ebda informazzjoni li setgħet fiha nnifisha minimament tintuża bħala prova kontrieh. Lanqas iffirma l-istqarrija. Madanakollu dan fih innifsu ma jżommx lill-prosekutur milli jressaq l-istqarrija bħala prova fil-proċess penali. … … …

»… … …

»… … … skont il-linja meħuda mill-Qorti Kostituzzjonali tagħna f'sentenzi riċenti, il-fatt waħdu tal-iskiet tiegħu, kieku għażel li jibqa' fommu sieket, ma kien jattira l-ebda inferenza ulterjuri waqt il-proċedimenti kriminali. Madanakollu l-interpretazzjoni tal-Qorti Kostituzzonjali ta' Malta fl-applikazzjoni tal-artikolu 6(3)(ċ) fl-isfond tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni mhix għal kollox attinenti mal-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea.

»… … …

»… … … il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta interpretat dan id-dritt biss fil-każ fejn sabet li minħabba diversi ċirkostanzi apprezzati skont il-każ l-akkużat seta' jitqies li kien vulnerabbi meta rrilaxxja l-istqarrija.

»Għaldaqstant jidher li l-ogħla qorti fil-pajjiż fehmet li lanqas dawk is-sentenzi tal-qorti fi Strasbourg ma għandhom jitqiesu li ħolqu xi kejl assolut dwar dan il-jedd. Għalhekk, minn ħdan l-istess sentenzi, il-Qorti Kostituzzjonali siltet linja ta' ħsieb li tqiegħed il-kwestjoni tal-għajnuna ta' avukat lil min ikun interrogat fil-qafas tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Tant hu hekk li għamlet riferenza għall-konsegwenzi ta' inferenza sfavorevoli ("*adverse inference*") li jistgħu jitnisslu kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. "Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet".

»… … …

»Huwa evidenti, anke mis-sentenza mogħtija mill-qorti ta' Strasbourg proprju f'dawn l-ahhar granet fit-12 ta' Jannar 2016 fil-każ Borg v. Malta li l-interpretazzjoni Konvenzjonali fil-każ ta' restrizzjoni sistemika tad-dritt għall-assistenza legali fil-*pre-trial stage* hija li hemm leżjoni tad-dritt fejn il-liġi kienet siekta (*systemic restriction*).

»… … …

»Il-Qorti Ewropea b'hekk sabet fil-każ ta' Mario Borg, li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)(ċ) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

»… … …

»Fid-dawl tal-premess din il-qorti ser tapplika r-regola li temani mill-interpretazzjoni tal-Qorti Ewropea fis-sens li l-artikolu 6(3)(ċ) fimkien mal-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jiġix pruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Id-dritt għal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eċċezzjoni. Iżda anke jekk ikun hemm raġunijiet impellenti għal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raġuni, dawn ir-restrizzjonijiet m'għandhomx jippreġudikaw irrimedjabbilment id-drittijiet tal-akkużat taħt l-artikolu 6.

»*Inoltre* dan id-dritt tal-akkużat ikun irrimedjabbilment preġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni magħmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.

»Illi fil-każ in eżami huwa ċar li fiż-żmien tal-arrest tar-rikorrenti kien hemm in-nuqqas totali ta' leġislazzjoni li tipprovdi għall-assistenza ta' avukat fl-istadju qabel ma persuna tiġi akkużata formalment quddiem il-qorti. Dan iffisser li lanqas biss kien hemm parametri fejn l-Istat seta' jew ma setax jagħmel restrizzjoni ta' dan id-dritt għall-assistenza legali u dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata tal-Qorti Ewropea. B'hekk ir-restrizzjoni għall-aċċess għall-avukat lill-persuna arrestata kienet waħda totali u f'dan l-isfond din il-qorti tħoss li dan imur kontra l-obbligi posittivi li għandu l-Istat sabiex jimplimenta kif suppost l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Lanqas ma ġie sottomess, u wisq inqas ippruvat, li kien hemm *compelling reasons* li kienu jiġġustifikaw l-assenza ta' assistenza legali fil-każ in eżami.

»Għaldaqstant issib li kien hemm restrizzjoni sistemika tad-dritt għall-assistenza legali b'leżjoni tal-obbligazzjoni posittiva tal-Istat skont l-artikolu 6(3)(ċ) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea billi r-rikorrent ma kellux assistenza.

»F'dak li jikkonċerna r-rimedju, jirriżulta li l-akkużat ma wieġeb l-ebda mistoqsija magħmula u effettivament l-uniku informazzjoni li jirriżulta mill-istqarrija huma d-dettalji personali tiegħu. Għalhekk l-istqarrija tressqet flimkien mal-provi l-oħra; effettivament, f'tali ċirkostanzi, ma seta' jkollha l-ebda impatt probatorju fuq is-sejbien ta' ħtija tiegħu. Jirriżulta mill-fedina penali tiegħu li kien reċidiv u kien magħruf lill-pulizija.

»Il-qorti hija tal-fehma li għalkemm sabet ksur minħabba restrizzjoni sistemika li proprjament jirrifletti fuq l-obbligazzjoni posittiva tal-Istat,

> dan il-ksur ma ssarrafx f'xi preġudizzju sostantiv għall-akkużat fil-proċess penali. Tant hu hekk li l-appell tiegħu, deċiż fil-mori ta' dawn il- proċeduri, kien jittratta l-provi mressqa imma lanqas biss issemmiet l-istqarrija.
>
> »Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma li dikjarazzjoni ta' leżjoni hija rimedju suffiċjenti.«

6. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw b'rikors tas-17 ta' Frar 2016 li għalih l-attur ma weġibx; wieġbu biss, fil-11 ta' Marzu 2016, il-konvenuti l-oħra li, billi kienu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju u ma sar ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li ħelsithom, strettament ma għandhom ebda interess fl-appell.

7. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa illi "għalkemm l-appellat ma kellux assistenza legali meta ttieħdet l-istqarrija in kwistjoni, dan il-fatt bl-ebda mod ma ippreġudika d-difiża tiegħu *stante* li ma irrisponda għal ebda domanda li saritlu waqt l-istqarrija, għajr għal dawk id-domandi li kienu jirrigwardaw id-dettalji personali tiegħu". Komplew fissru l-aggravju hekk:

> »Illi jidher biċ-ċar li l-appellat kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom u ma ippreġudika d-difiża tiegħu bl-ebda mod peress li minn ħarsa lejn l-istqarrija jidher li l-appellat assolutament ma ikkollaborax mal-pulizija; fil-fatt jirriżulta li ma irrisponda għal ebda domanda fl-imsemmija stqarrija għajr għad-domanda għad-dettalji personali tiegħu, apparti li għażel ukoll li ma jiffirmax l-istqarrija in kwistjoni;
>
> »Illi mix-xiehda in atti jirriżulta li l-appellat ġie skopert mill-pulizija f'ċirkostanzi fejn jirriżulta mill-provi li meta r-rikorrent appellat u l-kompliċi tiegħu ġew avviċinati mill-pulizija wara li kienu wettqu *hold-up* bi vjolenza fuq anzjan, huwa kellu fil-vettura li kien fiha senter ikkarigat taħt is-*seat* lest sabiex jiġi sparat.«

8. Iż-żamma tal-bilanċ neċċessarju bejn id-diversi interessi involuti (tal-individwu, tal-komunità, tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) fit-twettiq tal-ħarsien tad-drittijiet fondamentali tal-individwu għandu jimmilita kontra s-sejbien ta' vjolazzjoni tal-Konvenzjoni – ħaġa serja fiha nfisha

– meta ma jkun hemm ebda konsegwenzi ta' preġudizzju fuq min iqis lilu nnifsu (mingħajr ma neċessarjament ikun hekk) bħala "vittma". Din fl-aħħar mill-aħħar kienet il-motivazzjoni ta' din il-qorti fis-sentenza ta' Charles Steven Muscat *v*. Avukat Ġenerali[2] u sentenzi oħra li ġew wara, li ma sabux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq meta min ikun ta stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat ma jkun ġarrab ebda preġudizzju minħabba f'hekk.

9. Madankollu, għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fis-sentenzi fuq imsemmija hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata illi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza ta' Borg v. Malta imsemmija mill-ewwel qorti, li tqis il-fatt biss ta' nuqqas ta' għajnuna ta' avukat bħala ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3) tal-Konvenzjoni.

10. Il-qorti għalhekk, għalkemm tifhem u tapprezza l-argumenti mressqa mill-appellanti, tiċħad dan l-aggravju.

11. It-tieni aggravju jolqot l-ispejjeż. L-appellanti jgħidu illi "għar-raġunijiet indikati fl-ewwel aggravju" l-ispejjeż għandu jħallashom l-attur.

---

[2] Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

12. Appuntu għax l-aggravju dwar l-ispejjeż huwa msejjes fuq l-istess raġunijiet tal-ewwel aggravju, huwa miċħud għall-isess raġunijiet li wasslu biex jiġi miċħud l-ewwel aggravju.

13. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb